Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 6 ta' Frar 2017**
**(OR. en)**

**5321/17**

**MAMA 12**
**CFSP/PESC 23**
**RELEX 74**
**LIBYE 3**

**EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| fi: | 6 ta' Frar 2017 |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Nru. dok. preċ.: | 5319/17 MAMA 11 CFSP/PESC 22 RELEX 73 LIBYE 2 |
| Suġġett: | Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Libja<br>- konklużjonijiet tal-Kunsill (6 ta' Frar 2017) |

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Libja, adottati mill-Kunsill fit-3516-il laqgħa tiegħu li saret fis-6 ta' Frar 2017.

## KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IL-LIBJA

**Kunsill Affarijiet Barranin, 6 ta' Frar 2017**

1. Iktar minn qatt qabel, huma importanti l-isforzi biex tiġi stabbilizzata l-Libja, u l-UE ser tagħmel l-almu tagħha biex tikkontribwixxi għal dak l-objettiv. L-UE tibqa' impenjata favur soluzzjoni politika inklużiva fil-qafas tal-Ftehim Politiku Libjan (FPL), u li tappoġġa l-Kunsill tal-Presidenza u l-Gvern ta' Kunsens Nazzjonali (GNA), immexxi mill-Prim Ministru Fayez Sarraj, u appoġġat min-Nazzjonijiet Uniti. Hija tilqa’ l-isforzi tagħhom biex jerġa’ jkun hemm governanza unifikata, prosperità u sigurtà fil-Libja. Filwaqt li tfakkar fil-UNSCR 2259 u riżoluzzjonijiet sussegwenti, l-UE tirrikonoxxi lill-Kunsill tal-Presidenza u l-Gvern ta' Kunsens Nazzjonali bħala l-uniċi awtoritajiet tal-gvern leġittimi skont il-Ftehim Politiku Libjan li aħna nappoġġaw b'mod sħiħ bħala l-qafas li fih għandhom jinstabu soluzzjonijiet konkreti għall-kwistjonijiet attwali fil-Libja. L-UE tfaħħar l-isforzi li għaddejjin biex jitnaqqsu d-differenzi politiċi u biex l-istituzzjonijiet Libjani jsiru aktar rappreżentattivi, effiċjenti u kapaċi jiksbu riżultati. L-UE tissottolinja s-sjieda Libjana tal-proċess politiku u l-importanza tal-inklużività tiegħu, b'mod partikolari permezz tal-parteċipazzjoni kontinwa tal-atturi politiċi u lokali, in-nisa u s-soċjetà ċivili. Il-mexxejja politiċi fil-Libja huma responsabbli għall-benessri u s-sigurtà taċ-ċittadini tagħhom. L-atturi Libjani kollha huma msejħa biex jevitaw azzjonijiet li jimminaw it-transizzjoni politika fil-Libja u għandhom jinvolvu ruħhom b’mod kostruttiv fi djalogu sinifikattiv. L-UE ser tagħmel użu mill-istrumenti ta’ appoġġ tagħha, kif ukoll tinsab lesta li temenda l-miżuri restrittivi tagħha kif meħtieġ sabiex tgħin fl-appoġġ għall-paċi, l-istabbiltà u s-sigurtà fil-Libja.

2. L-UE tissottolinja l-ħtieġa urġenti li l-forzi armati kollha jingħaqdu taħt il-kontroll tal-awtoritajiet ċivili leġittimi kif stabbilit fil-Ftehim Politiku Libjan sabiex tiġi żgurata l-istabbiltà u ppreservata l-għaqda u l-integrità territorjali tal-pajjiż. Ma għandu jkun hemm l-ebda soluzzjoni militari għall-konflitt, u f’dan ir-rigward l-UE tissottolinja l-ħtieġa li tiġi implimentata UNSCR 2278. L-UE tilqa’ l-ħolqien tal-Gwardja Presidenzjali u t-tnedija reċenti tal-ewwel unitajiet tagħha bħala pass ewlieni biex jiġu protetti l-istituzzjonijiet li nħolqu mill-Ftehim Politiku Libjan, u l-missjonijiet diplomatiċi fi Tripli. Hija tinsab lesta tesplora l-possibbiltà li tappoġġa l-Gwardja Presidenzjali.

3. L-UE ttenni l-appoġġ sħiħ tagħha għall-Missjoni ta' Appoġġ tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Libja (UNSMIL) u għar-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU, Martin Kobler. Hija tilqa' l-impenn mill-ġirien tal-Libja u mill-organizzazzjonijiet reġjonali, bħall-Unjoni Afrikana u l-Lega tal-Istati Għarab, kif intwera b'mod pożittiv f'laqgħat reċenti fil-Kajr u Brazzaville, li jakkumpanjaw u jiffaċilitaw il-proċess politiku Libjan f'konformità mal-Ftehim Politiku Libjan. L-UE, bħala waħda mill-ġirien tal-Libja, ser tingħaqad mal-isforzi ta' dawk l-organizzazzjonijiet reġjonali b'appoġġ għall-medjazzjoni tan-NU. Il-ġirien tal-Libja kollha għandhom ir-responsabbiltà li jaqdu rwol kostruttiv ewlieni fir-riżoluzzjoni tal-kriżi Libjana. L-UE ser tintensifika d-djalogu tagħha magħhom, inkluż fuq l-inizjattivi tagħhom, b'rabta ma' dan. L-UE tilqa' b'sodisfazzjon il-preżenza internazzjonali dejjem akbar fi Tripli wara l-ftuħ mill-ġdid ta' xi ambaxxati reċentement.

4. L-UE tfaħħar il-kuraġġ u d-determinazzjoni li wrew il-Libjani fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u tagħti ġieħ lis-sagrifiċċju ta' dawk li tilfu ħajjithom fil-ġlieda kontra gruppi terroristiċi. Hija għadha mħassba dwar it-theddida li joħloq it-terroriżmu fil-Libja u l-pajjiżi ġirien. Hija tappella lil-Libjani kollha biex jingħaqdu kontra t-terroriżmu, tissottolinja l-importanza tal-prevenzjoni u ttenni l-appoġġ tagħha għall-awtoritajiet leġittimi fil-ġlieda tagħhom kontra r-radikalizzazzjoni, l-estremiżmu vjolenti u t-terroriżmu. L-UE hija impenjata li tikkontribwixxi għall-istabbilizzazzjoni u r-riabilitazzjoni ta' dawk iż-żoni l-aktar milquta fil-Libja kollha.

5. L-UE tilqa' l-progress li sar fil-laqgħat Libjani reċenti ta' djalogu ekonomiku. Hija tappella lill-parteċipanti kollha, speċjalment lill-Gvern ta' Kunsens Nazzjonali u l-Bank Ċentrali, biex jimplimentaw b'mod sħiħ il-ftehim tagħhom biex l-ekonomija leġittima tibqa' tiffunzjona, jiżguraw il-fondi neċessarji għall-attivitajiet tal-gvern, ipoġġu l-baġit taħt kontroll u jtemmu l-kriżi tal-likwidità. Hija tappella għal miżuri urġenti għar-riforma tal-ekonomija, għat-tnaqqis tal-ħela fin-nefqa pubblika, u għat-titjib fl-għoti ta' servizzi bażiċi sabiex jiġu indirizzati l-aktar ħtiġijiet urġenti tal-poplu Libjan. Iż-żieda fil-produzzjoni taż-żejt, li ntlaqgħet tajjeb, għandha tippermetti lill-gvern Libjan biex jipprovdi lill-popolazzjoni b'aktar prodotti u servizzi pubbliċi, inkluż is-sigurtà, l-edukazzjoni u assistenza umanitarja. L-UE tappella lil-Libjani kollha biex jippreservaw l-infrastruttura taż-żejt, u tfakkar fir-riżoluzzjonijiet tal-KSNU li jiddikjaraw li l-esportazzjonijiet taż-żejt Libjan għandhom jibqgħu taħt il-kontroll eskluživ tal-Gvern ta' Kunsens Nazzjonali u l-Kumpannija Nazzjonali taż-Żejt u jikkundannaw l-esportazzjonijiet illegali taż-żejt.

6. L-UE tinsab imħassba dwar is-sitwazzjoni umanitarja fil-Libja, fejn madwar 1.3 miljun persuna għandhom bżonn assistenza ta' emerġenza. Hija tappella biex il-ħaddiema umanitarji jkollhom aċċess għall-persuni fil-bżonn u r-rispett għad-Dritt Umanitarju Internazzjonali. Jeħtieġ li jsir aktar progress biex jiġi żgurat rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem, billi jissaħħu l-ġustizzja, id-dover li tinġarr ir-responsabbiltà u l-proċess korrett tal-liġi.

7. L-UE tikkundanna l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-abbużi fuq migranti u tħeġġeġ lill-awtoritajiet Libjani biex iżidu l-isforzi tagħhom biex itejbu l-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, speċjalment fiċ-ċentri ta' detenzjoni tal-migranti, b'attenzjoni partikolari għal persuni f'sitwazzjoni vulnerabbli. Hija tappella lill-partijiet kollha biex jiżguraw li l-ħaddiema umanitarji jkollhom aċċess bla xkiel u sigur għaċ-ċentri. Sabiex ittejjeb il-protezzjoni tal-migranti, tgħin biex jitjiebu l-kundizzjonijiet fiċ-ċentri ta' detenzjoni, tiżgura faċilitajiet ta' akkoljenza xierqa, tfittex alternattivi għad-detenzjoni u żżid ir-ritorn volontarju assistit mil-Libja, l-UE ser tuża, fost oħrajn, il-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-UE għall-Afrika u ser iżżid il-kooperazzjoni mal-IOM u l-UNHCR. Hija ser taħdem mal-muniċipalitajiet Libjani biex tippromwovi mezzi ta' għajxien alternattivi u tappoġġa r-reżiljenza ta' komunitajiet lokali li jospitaw migranti, refuġjati u persuni li għandhom bżonn protezzjoni internazzjonali.

8. F'konformità mad-dikjarazzjoni tal-laqgħa informali tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tat-3 u l-4 ta' Frar f'Malta u l-Komunikazzjoni Konġunta tar-Rappreżentat Għoli u l-Kummissjoni tal-25 ta' Jannar, l-UE ttenni l-ħtieġa li jitnaqqsu l-flussi migratorji irregolari tul ir-rotta tal-Mediterran Ċentrali u jiġi mfixkel il-mudell kummerċjali tal-faċilitaturi ta' dħul klandestin u t-traffikanti ta' bnedmin. L-UE tibqa' impenjata li taħdem mal-awtoritajiet Libjani biex tgħinhom fl-appoġġ għar-RSS u biex jiżviluppaw l-istrutturi tas-sigurtà u d-difiża tagħhom. Filwaqt li tiġi rikonoxxuta l-ħtieġa ta' sjieda Libjana sabiex tgħin fl-indirizzar tal-flussi migratorji irregolari u biex jiġu salvati l-ħajjiet, l-UE ser tkompli l-attivitajiet tagħha permezz ta' diversi attivitajiet komplementari u kkoordinati fil-kuntest tas-Seahorse Mediterranean Network, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u tal-PSDK, f'konformità mad-dritt internazzjonali.

F'konformità mad-dikjarazzjoni ta' Malta, l-UE ser tagħti prijorità ulterjuri lill-għoti ta' taħriġ, tagħmir u appoġġ ieħor, filwaqt li tingħata prijorità lill-Gwardja tal-Kosta u l-Flotta Navali Libjani u aġenziji leġittimi rilevanti Libjani oħra.

EUNAVFOR MED Operazzjoni Sophia ser tkompli tiffoka fuq it-tfixkil tal-mudell kummerċjali tan-netwerks ta’ faċilitazzjoni ta’ dħul klandestin u traffikar ta’ bnedmin. Barra minn hekk, Operazzjoni Sophia ser tkompli timplimenta l-kompiti ta' appoġġ tagħha li tħarreġ il-Gwardja tal-Kosta u l-Flotta Navali Libjana u li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-embargo tan-NU fuq l-armi, EUBAM ser tkompli tinvolvi u tassisti lill-awtoritajiet Libjani bil-ħsieb ta’ missjoni ċivili possibbli fil-futur, ladarba l-kundizzjonijiet jippermettu, fil-qasam tal-pulizija, l-istat tad-dritt u l-ġestjoni tal-fruntieri. L-UE tfakkar ukoll fid-determinazzjoni tagħha li tgħin biex titnaqqas il-pressjoni fuq il-fruntieri tal-art tal-Libja b’kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet Libjani u l-ġirien tagħha.

9. L-UE qed timplimenta pakkett ta’ kooperazzjoni b’valur ta’ EUR 120 miljun, iffukat fuq is-soċjetà ċivili, il-governanza, is-saħħa, iż-żgħażagħ u l-edukazzjoni, il-migrazzjoni, is-sigurtà u l-medjazzjoni. L-UE tkompli tipprovdi assistenza fuq perijodu ta' żmien qasir permezz ta’ diversi strumenti ta’ finanzjament, inkluż permezz ta’ appoġġ għall-muniċipalitajiet u l-forniment ta’ servizzi essenzjali liċ-ċittadini Libjani fil-bżonn. L-UE espandiet ukoll l-għajnuna umanitarja tagħha, b’EUR 10.8 miljun fl-2016. Huma essenzjali kundizzjonijiet ta' sigurtà mtejba fuq il-post u stabbiltà politika biex l-assistenza tal-UE tasal b’mod effettiv fil-partijiet kollha tal-Libja, inkluż fin-Nofsinhar remot. L-UE tinsab lesta li żżid l-impenn tagħha biex tippromwovi l-istabbiltà u l-prosperità fil-Libja.